MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru 47/2008

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH AGIUS
VS
LUDVIG BUGEJA

Il- Qorti,

Rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ludvig Bugeja ta’ 31 sena iben Angelo u Yvonne nee` Camilleri mwielet Pieta` fil-05/02/1976 detentur ta’ karta ta’ l-identita` numru 113276M u residenti numru 27, Triq Joseph Stivala, Paola fejn gie akkuzat talli nhar is-7 t’Ottubru 2007 flimkien ma persuna ohra, ghal habta ta’ 14:00hrs gewwa Hal-Farm ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka Alpine mill-vettura tal-marka V Wagon Passat bin-numru ta’ registrazzjoni JMA 666 li jiswa ‘l fuq minn Lm100 izda mhux izjed minn Lm500 ghad-dannu ta’ Joseph Aquilina minn Hal-Lija bi ksur tal-Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema serq hu aggravat bil-mezzi meta sar fuq vettura jew vetturi f’post pubbliku jew

f'post accessibli ghal pubbliku jew fuq xi parti jew accessorju ta' jew fuq xi haga li tkun go dik il-vettura bi ksur tal-art 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Art 42(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data lok u cirkostanzi, xjentement f'Malta lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akwistati b'reat jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull indahal biex ibieghhom jew imexxihom, bi ksur tal-Art 334(a) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli hu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bi ksur tal-Art 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti fl-att kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-imputat huwa akkuzat b'serq ta' stereo minn vettura, b'ricettazzjoni u b'ricediva.

Charlo Briffa kkonferma illi l-karozzsa SEF 909 kienet proprjeta` ta' missieru izda hu kien jaghmel uzu minnha.

Hu xehed illi kien ammetta ghal procedura kriminali kontra tieghu ghall-akkuzi ta' serq  inghata Probation Order u Treatment Order sabiex jaghmel Programme ghal rehabilitazzjoni kontra droga.

Huwa stqarr illi fil-lejl in kwistjoni kien akkumpanjat mill-imputat, kienu marru Hal-Far fejn abbuzaw mid-droga imbaghad l-imputat Ludvig kisser hgiega ta' vettura u

seraq stereo, dahhlu taht il-flokk, rega’ dahal fil-karozza ta’ Charlo u telqu bih.

Illi wara dan marru lejn Bormla biex jbieghuh u wara dan xtraw id-droga bir-rikavat.

PS 1312 Adrian Sultana xehed li kien rcieva rapport minn Joseph Aquilina li kien qed isir serq minn go vettura JMA 666 u li l-karozza tal-hallelin kienet SPF 909 u ezebixxa l-okkorrenza.

Joseph Briffa sid il-karozza SPF 909 kkonferma li ibnu Charlo kien jaghmel uzu minn din il-vettura fiz-zmien indikat fl-avviz.  Joseph Briffa sostna li ibnu Charlo kien mahkum mill-vizzju tad-droga.

L-Ispettur Agius kkonferma illi mill-istatement ta’ Charlo Briffa irrizulta l-involviment ta’ l-imputat Ludvig Bugeja. Ghalhekk arrestat lill-imputat li rrilaxxja zewg stqarrijiet fejn cahad l-involviment tieghu fis-serq u ricettazzjoni.

Mix-xhieda tal-Ispettur Agius jirrizulta illi Charlo Briffa ammetta l-involviment tieghu u dan gara l-ghaliex kien hemm xhud okulari li ra s-serq jsehh u li kien pront u nforma lill-pulizija bin-numru ta’ registrazzjoni tal-karozza tal-hallelin.  Dan ix-xhud hu Joseph Aquilina.

Arthur Rizzo kkonferma li l-kumpanija tieghu Motherwell Bridge Malta Ltd ghandha CCTV Camera li tiehu hsiebha s-socjeta` Awrelia.

Brian Farrugia kkonferma li l-karozza SPF 909 kienet proprjeta` ta’ Joseph Briffa u li l-karozza JMA 666 hija registrata fuq Joseph Aquilina.

L-Ispettur Joseph Agius ezebixxa zewg CD’s ta’ *CCTV recording* Dok JA2 u 3 li gew konsenjati lill-Martin Bajada.

Joseph Aquilina xehed illi huwa jahdem fil-fabbrika Motherwell Bridge Hal-Far u kkonferma li rraporta lill-pulizija serqa minn karozza JMA 666 minn hallelin li kienu f’karozza SPF 909 Fiat Punto griza.

Martin Bajada ezebixxa u halef ir-rapport tieghu.

Steven Cachia kkonferma x-xhieda ta' Brian Farrugia.

L-Ispettur J Agius kkonferma x-xhieda precedenti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi fuq elenkati jirriulta b'mod anke ampju illi l-imputat flimkien ma Charlo Briffa (gia sentenzjat fuq l-istess serqa) kienu wettqu serq ta' stereo mil-karozza indikata fl-akkuza. Ta' dini s-serqa hemm provi sgaccianti fis-sens illi kien hemm xhieda okulari tal-akkadut li taw lill-pulizija n-numru ta' registrazzjoni tal-karozza tal-hallelin u l-footage ta' CCTV Camera esebit in atti.

Illi jirrizulta wkoll illi Briffa u l-imputat fiz-zmien indikat fl-avviz kienu t-tnejn drug addicts.

Illi l-prosekuzzjoni gabet prova xjentifika dwar is-sid ta' din i-karozza u Joseph Briffa kkonferma li din il-karozza kienet tintuza minn ibnu Charlo Briffa.

Ghalkemm l-imputat gie akkuzat b'recevida ebda sentenza ma giet ezebita.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lil Ludvig Bugeja hati ta' l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li hija alternattiva ghal akkuza, mhux hati tat-tielet akkuza u wara li rat Artikoli 261, 267, 271 (g) 279 tal-Kap 9 tikkundannah ghal hdax-il xahar prigunerija.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-fedina penali tal-imputat.

Il-Qorti tirrakomanda li l-imputat jibda programm ta' rihabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan il-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin u jidher li gia beda l-process biex dan isir.

Tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------